**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. TONI ABELA LL.D.**

**Rikors numru 719/20TA**

**Dr. Malcolm Mifsud noe**

**vs**

**Ugor Tatlici**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' Dr. Mark Attard Montalto nomine tas-26 ta' April 2024.

Rat ir-risposta ta' Dr. Malcom Mifsud tat-13 ta' Mejju 2024.

Ikkunsidrat

Dak li jrid ir-rikorrent nomine huwa li jagħti eċċezzjoni ulterjuri fis-sens kif irid l-artikolu 827(1) (a) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan ma jfissirx li din il-Qorti għandha tagħmel ritrattazzjoni, imma għandha tara, skond l-istess rikors jekk is-Sentenza li qed tintalab li tkun esegwita ġietx ottjenuta b'qerq ta' waħda mill-partijiet bi ħsara tal-oħra jew jekk is-Sentenza kinitx b'effett ta' żball li jidher mill-Atti jew dokumenti tal-kawża.

Fi ftit kliem, il-Qorti trid tħares lejn ir-raġunijiet li kieku s-Sentenza ingħatat minn Qorti lokali ai fini ta' ritrattazzjoni u mhux lejn l-Istitut tar-ritratazzjoni per se'. Ma jistax ikun hemm interpretazzjoni oħra għaliex ir-ritratazzjoni taħt l-artikolu 811 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta għandha ssir quddiem il-Qorti li tkun tat is-

Sentenza attakata (art 814). Dan żgur mhux il-każ li għandha quddiemha din il-Qorti stante li s-sentenzi mertu tar-rikors ingħataw minn Qorti estera. Aktar minn hekk, il-proċedura għal ritrattazzjoni tesiġi *ad valdititatem ad* ir-rikors ġuramentat (art 815).

Il-Qorti rat l-atti u rat ukoll li saħansitra għamlet mit-13 ta' Diċembru 2020 sas-16 ta' Mejju 2023 tistenna l-eżitu ta' Motion for Rehearing (simili għal ritrattazzjoni quddiem il-Qorti ta' Florida a' fol 146) li minnha kien hemm ukoll Appell. Propju wara tlett snin ta' stennija l-intimat ried ukoll lil din il-Qorti tibqa' tistenna l-appell (ara a' fol 145).

Il-Qorti eżaminat l-atti u hija tal-fehma li dak li qed jagħmel l-intimat huwa li jipprolunga kemm jiflaħ dawn il-proċeduri jkun xi jkun l-eżitu tagħhom. Il-Qorti tosserva wkoll li tat diversi differimenti fit-tul propju biex tassigura li jingħata smiegħ xieraq pero mhux sewwa li din il-proċedura tkompli tkarkar daqshekk fit-tul għaliex bħal ma l-intimat għandu dritt li jinstema', hekk ukoll huwa dritt tar-rikorrent li l-proċedura tiegħu timxi u tinqata', ikun xi jkun l-eżitu ta' l-istess.

Għaldaqstant fid-dawl tat-tul li ħadet din il-proċedura, tal-provi abbundanti li diġa' saru kemm quddiem din il-Qorti u anke dik estera, mhux ġust li jkompli jkun hemm prolongament. Il-Qorti tfakkar ukoll, li mhux kompitu ta' din il-Qorti li fi proċedura bħal din li tidħol fil-mertu ta' kawża diġa' deċiża minn Qorti estera.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed tiċħad it-talba sabiex l-intimat iressaq eċċezzjonijiet ossia risposta ulterjuri.

**Illum, 30 ta' Ottubru 2024**

**Onor. Toni Abela LL.D.**